IL-BIRGU

Citta' Vittoriosa

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

# Laqgħa Numru 57

17 ta` Lulju 2018

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa u nofs ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier
Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier

**ASSENTI:**

Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

### 57.1 Qari ta` Ittri ta` Apologija

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti b`ittra ta` apologija tas-Sur Eman Zerafa fejn is-Sindku spjega li ghalih din l-apologija mhux iggustifikata u talab sabiex il-Kunsill jinghata parir jekk din it-talba ghandiex tintlaqa` jew le mill-Kunsill.

### 57.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqgha Numru 54(07) u tal-Laqgha Numru 55(07) fejn gew approvati bi qbil unanimu.

**<u>Punti Mqajma mill-Minuti</u>**

**57.2.1** Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li dwar l-izvilupp tal-progett tal-bandli fejn spjega li saret laqgha mas-Sur Sandro Azzopardi mill-Ministeru ta` Transport u Infrastruttura, mas-Sur Charles Briffa mill-Works Division u mall-perit tal-Kunsill fejn waqt din il-laqgha gie spjegat x`xoghlijiet jridu jsiru minn naha tal-Works Division sabiex il-bandli l-antik jinqala` kompletament. Barra minn hekk saret laqgha wkoll ma` rapprezentant minn Alf. Mizzi & Sons dwar l-equipment. Is-Sindku zied jghid li l-Ministru kien ser jghin fil-qlugh tal-bandli u flooring. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill irid jiehu hsieb igib kwotazzjonijiet ta` portable mobile toilets ghat-tfal u ghall-adulti kif ukoll li jkun tajjeb ghall-persuni b`dizabilita. Is-Sur John Boxall propona sabiex is-sigar li hemm fil-prezenti jinqghalu u jsiru sigar orhajn, sigar li ma jahmmgux daqsekk sabiex ma

ssirx hsara lill-equipment il-gdid. Is-Sur Anton Gellel qal li huwa ma jaqbilx li dawn is-sigar ghandhom jinghqalu qabel mall-Kunsill jiehu parir professjonali. Is-Sur Trevor Mizzi qal li huwa jaqbel li jinqghalu sigar u jsiru sigar ohra li ma jaghmlux hsara il-progett biex jibqa` sabih. Is-Sur Lawrence Attard qabel li jinbidlu sigar u kif ukoll li ssir laqgha ma` persuni li jifhmu dwar dan. . Is-Sur Boxall propona sabiex issir laqgha urgent mas-Sur Alfred Baldacchino sabiex jkun jista` jiggwida ahjar lill-Kunsill, fejn dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

**57.3 Korrispondenza**

57.3.1 Mibughta korrispondenza mill-perita Mireille Fsadni fejn infurmat lill-Kunsill li l-progett tar-restawr tas-swar li jdawwru l-bandli ser jinbeda fis-sena 2019.

57.3.2 Moqrija korrispondenza li ntbaghtet mill- European Culural Route dwar forum li ser ssir gewwa Spanja relatat mall-Gimgha Mqaddsa. Ghal dan il-forum qabel unanimament li jattendu s-Sindku, il-Kunsilliera Anton Gellel u s-Sur Gorg Agius. Dan il-forum ser ikun bejn l-10 u 13 ta` Settembru.

57.3.3 Giet prezentata l-korrispondenza relatata mall-progett tal-EEA Grants, fejn il-Kunsill applika ghal progett bhala lead partner bl-ghajnuna ta` agenzija taljana. L-isem tal-progett huwa Environmental Ecosystem.

57.3.4 Il-Kunsill gie nfurmat mir-Restoration Unit li nicca tal-Kurcifiss tal-Forka ser ssir restawr li hemm bzonn.Is-Sindku zied jghid li ser ssir kaxxa gdida u kif ukoll ser ssir id-dawl.

57.3.5 Prezentata talba li saret mis-Sur Noel Micallef fejn talab sabiex fl-attivita tal-Birgufest jarma bl-istand tieghu fi Triq il-Foss (fuq is-sur). Il-Kunsill approva unanimament din it-talba.

57.3.6 Prezentata l-kwotazzjoni tal-band Dcapitals sabiex idoqqu waqt l-attivita tas-Sibt filghaxija fil-Birgufest. Il-kwotazzjoni hija €1,499 vat inkluz, fejn din il-kwotazzjoni giet approvata minn dawk prezenti.

57.3.7 Il-Kunsill gie nfurmat mir-Restoration Unit li nicca ta ` San Guzepp fi Triq Gilormu Cassar k/w Triq Hilda Tabone ser ssir restawr taghha.

57.3.8 B`referenza ghall-press conference li sarret relatata mall-European Mobility Week, is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li hadd ma kien attenda ghal din il-konferenza. Is-Sur Boxall zied jghid li huwa attenda ghall-laqgha li saret mas-Sur Peter Paul Barbara, fejn il-Kunsill gie ssugeriet biex issir one day event – Car Free Day. Is-Sindku talab sabiex il-kusillier is-Sur Anton Gellel flimkien mieghu jiehdu hsieb sabiex jorganizzaw din l-attivita.

57.3.9 Prezentat il-komunikat li ntbghat mid-Dipartiment dwar termini u kundizzjonijiet godda ta` Fond ta` Ko-Finanzjament ghall-Kunsilli Lokali.

57.3.10 Giet ipprezentata l-approvazzjoni tar-regularizazzjoni tal-garaxx tal-Kunsill li jinsab fiz-zona tal-Hawli.

57.3.11 Gew prezentati zewg kopji ta` bye laws fuq caravans u oggetti ohra relatati ta` zewg Kunsilli Lokali partikulari, fejn is-Sindku propona sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jiplimenta bye law simili taghhom.

57.3.12 Mibughta ittra ohra lill-Eccelenza Taghha President ta` Malta fejn il-Kunsill talab biex jintaqa` maghha b`mod ufficjali wara li zjara li kellha ssir mill-Kunsill giet ikkancellata.

57.3.13 Giet prezentata email dwar mistoqsija parlamentari li saret dwar Triq Sally Port u l-mahzen tal-klabb tar-Regatta li saret mill-Onorevoli Glen Bedingfield.

57.3.14 Prezentata korrispondenza li ntbaghtet lill-Kunsill dwar zbilanc finanzjarju ghas-sena 2017 li jammonta ghall-€22,423 fejn id-Dipartiment talab sabiex nhar id-9 ta` Awwissu l-Kunsill jintaqa` mad-Direttur biex jigi diskuss dan l-izbilanc. Il-Kunsill qabel sabiex id-data tigi riveduta peress li dakinhar tkun qed tigi ccelebrata festa fil-lokalita.

57.3.15 Mibughta korrispondenza minn Let`s Do it Team fejn il-Kunsilli qed jigu nkoraguti sabiex jippartecipaw fil-World Clean Up Day. Dwar dan, dawk prezenti qablu li ssir attivita fil-15 ta` Settembru billi l-Kunsill jiehu hsieb igib skips fejn fihom jintremew affarijiet ta` bulky refuse u ogetti ohra riciklabbli.

57.3.16 Giet prezentata ittra li l-Kunsill bghat lill-Onorevoli Prim Ministru dwar restawr u xoghlijiet ta` manutenzjoni li hemm bzonn issiru fil-Knisja u l-Monasteru tas-sorijiet tal-Klawsura fil-Birgu. Il-Prim Ministru nforma lill-Kunsill li talba giet riferuta lill-Ministru kkoncernat.

57.3.17 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li wara bosta emails li ntbaghtu l-perit tal-Kunsill, il-Kunsill ghadu qed jistenna specifications ta` Triq Nestu Laviera.

57.3.18 Prezentat ftehim li sar mas-sid tal-gabbana li qed jarma f`Sally Porte (biswiet il-klabb tar-Regatta), fejn fuq dan il-ftehim hemm li l-istess sid irid jiehu hsieb inaddaf u jghalaq latrina li hemm fl-istess zona.

57.3.19 Prezentata korrispondenza dwar film bl-isem `*Bharat*` li ser jinhadem fil-Birgu nhar is-17 ta` Awwissu fejn il-Knisja ta` San Lawrenz u l-madwar.

55.3.20 Prezentata korrispondenza li l-Kunsill ircieva dwar dar li ggib in-numru 38 & 40 fi Triq Hilda Tabone, liema dar tinstab fi stat ta` abandun fejn il-parti ta` fuq waslet biex taqa` bil-konsegwenza li jista` jigi kkawzat incident. Dwar dan il-Kunsill qabel sabiex bhal ma diga sar fil-passat jergghu jittiehdu l-passi kollha mehtiega mall-awtoritajiet ikkoncernati.

55.3.21 Gie prezentat l-overtime li sar mill-haddiema ghax-xahar ta` Gunju. Dan gie approvat minn dawk prezenti.

**57.4 Bigufest 2018**

Is-Sur John Boxall nforma lil dawk prezenti li l-preparamenti ghal din l-attivita ghadhom lura ghalkemm diga` bdew jintbhatu xi ittri u jsir xi xoghol. Is-Sur Boxall qal li l-ispiza tax-xemghat li ta` kull sena jkollu l-Kunsill gew imhallsa minn diversi donazzjonijiet li nghataw. Is-Sur Trevor Mizzi talab sabiex is-sotto kumitat jigi mahtur sabiex ikun ta`ghajnuna ghall-Kunsill fil-preparamenti tieghu. Is-Sur Anton Gellel propona sabiex f`dawk it-toroq li ma jaghmlux parti miz-zona tal-Collachio ma jintramaw bix-xemgha imam jintramu bil-pavaljuni tal-festa u b`dawl ahmar u dan ghal fatt li certu toroq qed ikunu mudlama u mhux imzejjna. Dwar dan il-proponiment ma kienx hemm qbil minn dawk prezenti.

**57.5 Jum il-Birgu 2018**

Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li bhala parti mill-attivitajiet li ser ssiru ma` Jum il-Birgu 2018 ser ssir l-inawgurazzjoni tat-tieni edizzjoni tal-ktieb il-gdid bl-isem *`Four Walks in Birgu`.* Gie diskuss ukoll sabiex il-Kunsill jiehu hsieb jaghmel it-trophies iz-zghir sabiex ikollu x`jaghti ghal waqt ic-cerimonja.

**57.6 Approvazzjoni tat-Tender tal-Avukat u l-Perit**

Is-Sindku, c-Chairperson tal-Bord ta` Evalwazzjoni ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-Rapport ta` Evalwazzjoni li gie mhejji mis-Segretarju Eżekuttiv bħala Segretarju tal-istess kumitat. Wara li saret diskussjoni, is-Sindku propona li l-Kunsill ghandu japprova r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta` Evalwazzjoni biex dan il-kuntratt jinghata lill-Dr. David Bonello li tefa` l-irhas offerta. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

**57.7 Decizjoni tat-talba ta` Segretarju Ezekuttiv**

Giet prezentat talba ta` Segretarju Ezekuttiv fejn gie mitlub sabiex tahdem bi *reduced hours* minhabba ragunijiet personali. Wara li s-Sindku spjega talba tas-Segretarju, din it-talba ma gietx accettata mill-Kunsill u dan ghal fatt li l-Kunsill ihoss li l-prezenza u rwol ta` Segretarju Ezekuttiv hija importanti ferm fl-amministrazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill propona li jekk kemm il-darba li s-Segretarju tixtieq li tahdem bi reduced hours, il-Kunsill lest li jinghatalha l-possibilta li tahdem fi grad ta` Assistant Principal mall-istess Kunsill fuq bazi ta` reduced hours. Minn naha tas-Segretarju Ezekuttiv proponiet li tibqa` tokkupa l-istess kariga u tahdem sitt sighat mill-ufficcju u saghtejn l-ohra mid-dar jekk il-Kunsill jaccetta. Dwar dan kemm il-Kunsill kif ukoll is-Segretarju Ezekuttiv ser jevalwaw it-talbiet u ser terga` tigi diskussa fil-laghqa li jmiss.

**57.8 Komunikazzjoni mis-Sindku**

57.8.1 Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti dwar magna gdida (hammer) li ser tinxtara mir-Restoration Unit sabiex tintuza f`dawk il-partijiet ta` toroq li l-

art qed tizloq. Is-Sur Boxall zied jghid li lill-perita Fsadni nfurmat wkoll dwar l-magna tal-hasil li dwarha diga kien hemm ftehim hekk kif spicca l-progett ta` pavimentar.

57.8.2 Is-Sindku talab sabiex f`dawk iz-zoni ta` pavimentar li qed jizolqu hafna jsir imprint. Fosthom, Triq it-Torri ta` San Gwann u Triq il-Kardinal.

57.8.3 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li plakka tal-irham wehlet fl-entratura tal-Berga ta` Franza, fejn din tghid meta din il-binja giet dovuta lill-istess Kunsill.

57.8.4 Is-Sindku ghamel referenza ghall-bye law li ser ssir dwar kirja ta` postijiet li gew devoluti lill-Kunsill u postijiet ohra miftuha, fejn irrimarka li kull spazju ghandu jintuza u jintalab hlas ragonevoli. Dwar dan is-suggeriment kien hemm qbil unanimu.

57.8.5 Is-Sur John Boxall irrimarka li kull ghaqda li tkun trid torganizza attivita fil-Birgu trid thallas il-permess u depozitu ta` mitejn (€200) kemm ghal xi bijna jew f`xi post miftuh. Barra minn hekk zied jghid li ghal uzu tad-dawl irid issir il-hlas apparti. Dwar dan kien hemm qbil min dawk prezenti.

**57.9 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

57.9.1 Is-Sur Anton Gellel staqsa biex tigi prezentata lista tal-hwienet li dahlu fl-iskema sabiex l-iskart jingabar mill-kuntrattur privat li jhallsu huma stess.

**55.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta` Pagamenti**

Is- Sindku, is-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 4224 sa` BOV 4279 fejn cekk numru 4237 gie kkanccellat u cekkijiet bin-numri HSBC 9725 sa` HSBC 9729. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 14 ta` Gunju 2018 sa` 17 ta` Lulju 2018.

**57.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja ta` filghaxija (8.00pm). Il-Laqgha giet aggornata ghal nhar it-Tnejn 30 ta` Lulju 2018 fil-hamsa ta` filghaxija.

Konfermati illum Tnejn 30 ta` Lulju 2018

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall | Lara Mascena |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |